# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)

## Illum, 7 ta’ Jannar 2025

Rikors Numru: 373/24 AL

AB

vs

CB

(Numru progressiv 152/1987)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-Partijiet iżżewġu nhar l-20 ta' Frar tas-sena 1987;

2. Illi l-Partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat it-28 ta' Marzu 2000, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Victor John Bisazza wara li talbu u ottjenew id-debita awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, kopja ta' liem hija mehmuża u mmarkata bhala Dok A;

3. Illi minn dakinhar 'l hawn kull Parti bniet il-ħajja tagħha indipendenti mill-ohra;

4. Illi għalhekk il-Partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin ghal iktar minn erba' snin;

5. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli jew remot ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall- pronunzjament tad-divorzju skont l-Art 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-Partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, entro t-terminu moghti minn din l-istess Onorabbli Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni opportuna.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Settembru 2024;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Marzu 2000;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.